- *Artikli 175 tal-Kodiċi tal-Proċedura*
- *Sustanza tal-azzjoni: tifsira ta'*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 25 ta' Novembru 2019.**

**Digriet Kamerali**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1040/19GM**

**Perit John Cassola (K.I. 72982M u Daniela Cassola (K.I. Nru. 192481M)**

**vs**

**Ronald sive Rosario Iles (K.I. Nru. 228865M) u Josette Iles (K.I. Nru. 126765M)**

**Il-Qorti,**

Rat in-nota korrettorja tal-atturi ippreżentata fl-14 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha talbu t-tħassir tal-kliem segwenti fir-Rikors Ġuramentat:

(i) "Dan in segwitu għall-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili li jippreskrivi illi jekk il-wegħda tiġi aċċettata iġġib f'dak li jwiegħed l-obbligu li jħallas id-danni jekk il-bejgħ ma jseħħx" fil-paragrafu 12; u

(ii) "ai termini tal-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili" fit-tieni talba;

Rat li l-konvenuti għadhom ma ġewx notifikati;

Rat l-atti tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi qegħdin jitolbu tibdil fir-rikors ġuramentat abbażi tal-Artiklu 175(1) tal-kodiċi ritwali li jippermetti *inter alia* li **"jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt… sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża";**

Illi t-test oriġinali Taljan kien jaqra hekk: **"col farvi inserire… altre allegazioni di fatto o di diritto, purche` nessuna tale emenda muti sostanzialmente l'azione o l'eccezione"**[1]**;**

Illi s-sors ta' din in-norma huwa l-Artiklu 670 tan-New York Code of Procedure kif kien fil-1854, li l-parti rilevanti għall-kweżit quddiem din il-

[1] Art. 202 tal-Ord.IV.1854

Qorti kienet taqra hekk: **"or by inserting other allegations material to the case, or when the amendment does not change substantially the claim or defence, by conforming the pleading or proceeding to the facts proved".** Fl-abbozz għall-kodiċi li ħejjew il-Kummissjonarji – ilkoll Maltin, li ħadu bħala mudell tagħhom xi kodiċijiet pre-unitari tal-Italja, partikolarment dawk ta' Napli u tad-Dukat ta' Parma – insibu disposizzjoni riġida li faċilment kienet tagħti lok għan-nullita` tal-atti ġudizzjarji. Kien Jameson, avukat Skoċċiż konsulent tal-gvern Ingliż, li ssuġġerixxa l-addozzjoni fuq imsemmija minn kodiċi Amerikan – sors mhux tas-soltu għal-liġi Maltija fis-seklu dsatax.[2] L-iskop tiegħu kien li jkunu jistgħu isiru tibdiliet fl-atti sabiex jiġu evitati n-nullitajiet u b'hekk issir ġustizzja billi s-sustanza tal-każ tipprevali fuq il-forma;

Illi n-norma ta' Jameson għenet mhux ftit biex jiġi evitat il-formaliżmu żejjed. B'danakollu, wara t-tħaddim tagħha għal kważi seklu u nofs, il-Kummissjoni tal-1993 ilmentat li "the interpretations and interpolations made by case law on the existing nature (*sic*) imposed serious restrictions on the effective power of the Courts to allow or order amendments" u għalhekk issuġġeriet li s-setgħa tal-Qorti "be considerably widened… the Commission feels that for a correction to be disallowed it must appear that the opposing party is affected adversely in substance and on the merits"[3];

Illi kif rakkomandat mill-Kummissjoni, fl-emendi tal-1995, fl-Art. 175(1) żdiedet il-frażi "**<u>fuq il-mertu tal-kawża</u>**". Jekk wieħed jargumenta *a contario sensu* minn din il-frażi l-ġdida, dan ifisser li, filwaqt li l-liġi tiprojbixxi emendi li jġibu bdil sostanzjali fl-azzjoni jew l-eċċezzjoni **fuq**

[2] Sir Andrew Jameson, Observations on the Proposed Code of Organization and Civil Procedure for the Island of Malta (1851)
[3] Permanent Law Reform Commission, Justice within a Reasonable Time, November 1993, para. 29

**il-mertu**, ma tagħmel l-ebda projbizzjoni bħal din dwar bdil ta' natura proċedurali;

Illi l-leġislatur ma jagħti l-ebda definizzjoni ta' xi tfisser is-**"sustanza"** tal-azzjoni jew l-eċċezzjoni. Biex wieħed jipprova jifhem it-tifsira ta' din il-kelma, huwa utli li jħares lejn disposizzjonijiet fil-Kodiċijiet tal-Proċedura Taljan u Franċiż tallum li wkoll jirregolaw l-emendi tal-atti ġudizzjarji, anke jekk dawn m'humiex identiċi mal-liġi tagħna. Eżerċizzju dan ta' dritt komparattiv li qiegħed ikun dejjem ta' siwi akbar kawża tal-armonizzazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tal-dritt proċedurali li sa żmien riċentissimu kien ikkompartimentalizzat u iżolat f'ordnijiet ġuridiċi nazzjonali;

Illi l-Art. 183 tal-*Codice di Procedura Civile* Taljan jiddisponi, fost ħwejjeġ oħra mhux rilevanti għall-kweżit quddiem din il-Qorti, li "**Le parti possono precisare e modificare le domande, le eccezioni e le conclusioni gia` formulate**". Dan l-Artiklu jagħti l-possibilita`, b'ċerti limiti, ta' *modifica* tad-domanda (*emendatio libelli*) u jiddistingwiha mill-*precisazione* (*ius poenitendi*). Imbagħad id-dottrina u l-ġurisprudenza jeskludu l-*mutamento* tad-domanda li fil-verita` ssarraf f'domanda ġdida (*mutatio libelli*);

Illi jingħad minn xi awturi[4], fosthom **Mandrioli,** li jkun hemm domanda ġdida meta jkun hemm bdil f'wieħed mill-elementi kostituttivi tal-azzjoni: *personae, causa petendi,* u l-*petitum*;

[4] Mandrioli R. Di proc. 84, 465; Consolo, Domanda Giudiziale, in Dig. IV civ. 64 ss; Ferri, Struttura del Processo e modificazione della domanda 75, 3 ss; Balena, Bove 78 ss.

Illi Mandrioli janalizza t-tifsira tad-diversi espressjonijiet li l-liġi tuża' fl-Art. 183. Jgħid li "Proporre nuove domande o nuove eccezioni significa allargare l'oggetto del processo con l'allegazione di nuovi fatti costitutivi, oppure estintivi, modificativi o impeditive (c.d. mutatio). ***Precisare*** (c.d. emendatio) non vuol dire cambiare totalmente e, tanto meno, formulare domande nuove: vuol dire soltanto rettificare (senza, di regola, mutare i fatti principali allegati) la portata delle domande con riguardo al medesimo *petitum* (ad es.: preciso che quel certo immobile di cui ho chiesto il rilascio comprende anche un certo locale prima non menzionato) ed alla medesima *causa petendi* (ad es.: preciso che il contratto al quale mi ero riferito erano state aggiunte, con documento successivo, altre clausole in forza delle quali quantifico la mia richiesta in una somma maggiore de quella che avevo indicato). Che se invece, li mutasse il petitum o la causa petendi, o entrambi questi elementi, si darebbe luogo alla proposizione di una domanda nuova, il cui divieto e` palesemente implicito nella norma in discorso e, d'altra parte, non meno palesemente imposto dalle esigenze del contradittorio. Ferma, naturalmente, la possibilita` di proporre le domande nuove in un nuovo processo";

Illi Mandrioli jsostni li "la causa petendi cambia soltanto quando ci si riferisce ad un fatto costitutivo completamente diverso, ma non cambia quando… si mutano tale circostanze, anche di rilievo, nell'ambito del medesimo fatto";

Illi Mandrioli jammetti li "non e` sempre facile stabilire quando la precisazione raggiunga il livello della *modificazione.* Tuttavia, il significato lessicale delle parole in correlazione con la diversita` della disciplina prevista per le due ipotesi e con l'ambia elaborazione giurisprudenziale… autorizzano a ravvisare il criterio distintivo in cio` che

mentre con la precisazione (che ora include le eccezioni in senso ampio e puo` includere ***anche fatti nuovi purche` secondari***[5]***)*** non si allarga l'ambito del giudizio postulato, cio` avviene, invece, con la modificazione quando e` fondata sull'allegazione di fatti principali nuovi, and se co-ordinati con quelli gia` allegati.[6]

Illi kuntrarjament għal Mandrioli u l-awturi l-oħrajn, **Chizzini** ma jarax problema bil-mutament ta' xi wieħed jew iktar mill-elementi tal-azzjoni, sakemm ma jinċidux fuq il-ħaġa kkontestata fil-ġudizzju[7]: "gli elementi d'identificazione" (tal-azzjoni) "hanno rilievo solo accessorio rispetto all'individuazione della situazione giuridica dedotta, con la conseguenza che le variazioni di quegli elementi – soggetti, causa petendi e petitum – avranno una propria autonoma rilevanza **solo ed in quanto siano in grado d'incidere sulla situazione dedotta, sul bene della vita conteso in giudizio.** Si deve, quindi, muovere dal presupposto che la correzione o il mutamento della domanda assumono rilievo **giacche` vengano a incidere sul diritto sostanziale dedotto** e **si chieda, quindi, tutela per un diritto diverso da quello affermato al momento della proposizione dell'azione**";

Illi huwa utli wkoll għall-kweżit quddiem din il-Qorti l-Art. 565 Franċiż: "**Les pretentions ne sont pas nouvelles des lors qu'elles tendent aux memes fins que celles soumises au premier juge, meme si leur fondement juridique est different**";

[5] Ġiet ikkunsidrata fatt sekondarju isem it-triq fejn seħħ inċident – Winston Carbone v Kunsill Lokali Birkirkara – 17.11.2017 Qorti tal-Appell (Inferjuri) per. Imħ. Anthony Ellul.
[6] Crisanto Mandrioli, Diritto Processuale Civile, Vol II, Il Processo Ordinario, 2011, paġna 86 et seq.
[7] Augusto Chizzini, La Tutela giurisdizionale dei diritti, Art. 2907 – Il Codice Civile Commentario – fondato da Piero Schlesinger, diretto da Francesco D. Busnelli, ippubblikat 2018, paġna 579 u 580

Illi għalkemm din in-norma tapplika għal pretenzjonijiet ġodda mressqa fl-appell, hemm min iqisha li tesprimi prinċipju ġenerali, li għandha tapplika *a fortiori* fl-ewwel grad[8]. Skont Chizzini, din in-norma tidher iktar addattata biex tkun tista' tinbidel id-domanda waqt is-smiegħ tal-proċess milli dik tal-art. 345 c.p.c. Taljan, "troppo dogmaticamente rigoroso, anelastico, legato ad una vetero lettura dell'*actio*[9];

Ikkunsidrat:

Illi filwaqt li l-kodiċi Taljan jippermetti modifikazzjoni tad-domandi jew tal-eċċezzjonijiet, mingħajr ma jagħmel limitu espliċitu (li, kif ġja` muri, għamluh id-dottrina u l-ġurisprudenza) il-kodiċi Malti jgħid li jistgħu **jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt… sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża.** L-espressjoni **"sustanza… fuq il-mertu tal-kawża"** tqarreb ħafna għall-interpretazzjoni tal-Ghizzini li t-tibdil tal-elementi tal-azzjoni – persuni, *causa petendi* u *petitum* – mhux projbit b'mod kategoriku, imma biss jekk u safejn ibiddel id-dritt sostanzjali dedott – jew eċċepit – fil-ġudizzju. Dritt li jiġi stabbilit mhux mill-kwalifikazzjoni ġuridika li jingħata, jew in-*nomen iuris*, imma mill-fatti kostituttivi tiegħu kif dedotti fil-ġudizzju. Il-leġislatur Malti jippermetti, espressament, li jiddaħħlu ħwejjeġ ġodda ta' fatt u ta' dritt, b'limitazzjoni waħda: li ma jbiddlux is-sustanza tal-azzjoni fuq il-mertu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sustanza tal-azzjoni, jew tal-eċċezzjoni, ma tfisser xejn għajr il-fatti kostituttivi, estintivi, modifikattivi jew impedittivi tal-azzjoni;

---

[8] Althammer, p. 485 in nota 58

[9] Augusto Chizzini, op.cit, paġna 577, nota 657

Illi f'dan ir-rigward huwa utli li ssir riferenza għad-dottrina klassika, li kienet tgħallem li l-*causa petendi* tikkonsisti fi dritt u fatt kuntrarju għal dak id-dritt. Iktar tard, Chiovenda kompla jiżviluppa l-kunċett tal-*causa petendi,* billi jaqsamha fi tlett komponenti li huma marbutin sewwa mal-fatti:

(1) **ir-rapport ġuridiku**
(2) il-**fatt partikolari** li fl-ambitu tar-rapport ġuridiku joħloq dritt partikolari
(3) l-**affermazzjoni tal-fatt** li minnu jiskatta l-interess li wieħed jiftaħ kawża (interesse di agire)[10];

Illi dak li hu essenzjali huwa, għalhekk, il-fatti kostituttivi kif dedotti fil-ġudizzju. Huwa lejn dawn li jħares il-leġislatur Malti. Biż-żieda tal-espressjoni ***fuq il-mertu***, il-leġislatur tagħna iddistakka ruħu b'mod ċar mill-elementi tal-azzjoni u serraħ fuq id-dritt soġġettiv. L-azzjoni – u allura l-elementi tagħha - qegħdin hemm biex iħarsu d-dritt soġġettiv, jew il-"mertu" u mhux għan fihom infushom. Meta ma jibqgħux strumenti imma jsiru għan fihom infushom, ikunu qegħdin jitpoġġew ostakli għar-realizzazzjoni tad-dritt sostantiv; fi kliem ieħor ma ssirx ġustizzja. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, ġie deċiż li eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-ġudizzju mhix eċċezzjoni fil-mertu[11];

Illi l-Qrati tagħna, fost l-oħrajn ippermettew:

1. Żieda ta' talba u sostituzzjoni ta' premessa meta l-atturi li fil-bidu tal-kawża kellhom sehem indiviż minn art ikbar, fil-mori tagħha permezz ta'

---

[10] Chiovenda, Istituzioni di dir. Proc. Civ., Napoli 1933, I, paġ. 237
[11] JoeJoe Company Limited v Emanuel Mifsud 28.04.2017 Qorti tal-Appell

diviżjoni akkwistaw is-sehem sħiħ ta' porzjon iżgħar mill-istess art. Il-Qorti qalet li l-korrrezzjonijiet ma kinux ibiddlu s-sustanza tal-azzjoni li kienet waħda ta' żgumbrament minn art u razzett minħabba l-iskadenza tat-titlu.[12]

2. Żieda ta' talba għad-danni mat-talba oriġinali għal trasferiment tal-proprjeta`meta saru jafu li l-proprjeta` kienet diġa` trasferita mill-konvenuta.[13]

3. Sostituzzjoni tal-ammont oriġinarjament mitlub bħala danni.[14]

4. Talba għal-likwidazzjoni tad-danni li kienu saru dovuti fil-mori ta' kawża inizjalment mibdija bil-proċedura sommarja speċjali[15]

5. Talba biex tiżdied il-ħruġ tat-tieni *stop notice* f'każ fejn l-ewwel *stop notice* li dwaru saret kawża ġie rtirat wara l-ftuħ tal-kawża u ftit tal-jiem wara inħareġ *stop notice* ieħor; għaliex it-talba prinċipali baqgħet l-istess jiġifieri dik li l-Qorti tiddikjara bħala abbużiv u llegali l-ordni tal-Awtorita` tal-Ippjanar biex titwaqqaf l-operazzjoni ta' *car park* li s-soċjeta` attriċi ssostni li kkostruwiet konformement mal-permess tal-bini li kellha[16];

Ikkunsidrat:

Illi fil-każ preżenti, id-dritt soġġettiv huwa wegħda ta' bejgħ mill-konvenuti favur l-atturi. Il-*causa petendi* hu n-nuqqas tal-konvenuti li jersqu għall-istess bejgħ. Il-*petitum* huwa d-dikjarazzjoni ta' mala fidi da

[12] JoeJoe Company Limited v Emanuel Mifsud 28.04.2017 Qorti tal-Appell
[13] Abela v Busietta Gardens Madliena Limited 16.02.2004 Qorti tal-Appell Ċivili
[14] Arthur Micallef v Oliver Cachia 17.11.2004 Qorti tal-Appell Inferjuri
[15] Diane Schembri v Alfred Schembri & Sons Limited 27.02.2015 Qorti tal-Appell
[16] Walsh's Limited v Awtorita` tal-Ippjanar 18.02.1997 Qorto tal-Appell

parti tal-konvenuti meta ma resqux għall-estensjoni ta' konvenju, dikjarazzjoni ta' responsabilita` għad-danni konsegwenzjali, u l-likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas tal-istess danni. L-atturi mhux qegħdin jipproponu li jbiddlu xi wieħed mill-fatti msemmija. Lanqas qegħdin jitolbu xi tibdil fit-talbiet imsemmija. Li qegħdin jitolbu hu t-tneħħija tar-riferenza li għamlu fil-premessi u f'waħda mill-premessi u fit-tieni talba għall-artiklu 1357 tal-Kodiċi Ċivili. Dan jistipula li jekk jekk wegħda ta' bejgħ tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li jwiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-aċċettant. Issa l-liġi tagħna ma tobbligax lill-attur li jagħmel referenza espressa għal xi disposizzjonijiet partikolari tal-liġi li fuqu jkun qiegħed jibbaża t-talbiet tiegħu. F'dan il-każ l-atturi għamlu riferenza bħal din iżda qegħdin jitolbu li jneħħuha. B'daqshekk m'huma qegħdin ibiddlu xejn mill-fatti kostituttivi tad-dritt soġġettiv minnhom pretiż u dedott fir-rikors ġuramentat. Dawn il-fatti jiffurmaw l-elementi kostituttivi tad-dritt dedott mil-atturi. Huwa minn dawn il-fatti – il-konvenju u n-nuqqas tal-konvenuti li jersqu għat-tiġdid tiegħu – li jemerġi d-dritt dedott; il-*causa petendi*, kif ukoll it-talba. Ġaladarba l-ebda wieħed minn dawn il-fatti kostituttivi ma nbidel, allura fis-sustanza, l-azzjoni fuq il-mertu tal-kawża ma nbidlitx. Lanqas jista' jingħad li ġiet effettwata, bit-tibdil, xi eċċezzjoni fuq il-mertu, għas-sempliċi raġuni li t-tibdil qiegħed jintalab qabel ma l-konvenuti jiġu notifikati u allura jiskatta t-terminu sabiex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom. Li qiegħed jintalab li jinbidel, effettivament huwa biss in-*nomen iuris* – bdil li huwa permess: Il-Qorti tal-Kassazzjoni[17] Taljana qalet li l-preċiżazzjoni tal-*causa petendi* ma tinħtieġx li jkunu korrettement indikati in-normi applikabbli għall-każ u l-istituti ġuridiċi relattivi; ikun biżżejjed indikazzjoni ċara, f'termini sostanzjali, tal-fatti kostituttivi tad-dritt

[17] Cass. civ., sentenza n. 12258/2002

autoindividwat azzjonat.  Biex wieħed jislef frażi mid-disposizzjoni Franċiża msemmija, tipikament skjetta u preċiża, il-fundament ġuridiku tal-azzjoni baqa' l-istess;

Illi l-atturi issottomettew ukoll illi qegħdin jagħmlu t-talba tagħhom fi stadju fejn il-konvenuti għadhom mhux notifikati u għalhekk m'humiex sejrin isofru preġudizzju bit-tibdil.  Il-liġi ma ssemmix il-fattur tal-preġudizzju espressament, għalkemm tagħmel dan indirettament meta tirreferi għall-effett tal-bidla fuq l-eċċezzjonijiet.  B'danakollu il-fattur tan-nuqqas ta' preġudizzju kien kunsiderazzjoni ewlenija fir-rapport tal-Kummissjoni tal-1993.  Huwa wkoll fattur ewlieni fil-kodiċijiet proċedurali kontemporanji, speċjalment li bħala regola ġenerali jammettu kull tibdil sakemm ma jeffettwax negattivament lill-kontroparti;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Art. 175(1) tal-Kapitlu 12, tilqa' t-talbiet dedotti fir-rikors tal-atturi tal-14 ta' Novembru 2019 u tordna n-notifika tar-rikors ġuramentat tagħhom bil-mod kif hekk ikkoreġut.

Mogħti kameralment.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA

Komunika:  Dr. Andrew Sciberras